MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2004

Numru 8/2002

Ir-Repubbblika ta' Malta
Vs
**Louis Fenech**

**Il-Qorti,**

**Rat l-Att tal-Akkuza numru 8 tas-sena 2002 kontra l-akkuzat Louis Fenech, li bih huwa gie akkuzat talli :**

Wara li l-Avukat Generali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, ppremetta illi fix-xhur ta' qabel is-sitta w ghoxrin t'April, tas-sena elfejn u wiehed, Louis Fenech kien qieghed jghix hajja matrimonjali mtaqqla w imfixxkla ma' martu Claire flimkien mat-tifel taghhom ta' eta' zghira. Dan kien dovut ghall-fatt li martu Claire kienet qeghda taqlibilu bil-mohbi ma' ragel iehor, kif ukoll ghall-fatt li Louis Fenech kien qieghed ghaddej minn xi problemi ta' sahha li anke kienu qeghdin jaffettwawlu r-relazzjonijiet sesswali tieghu.
Maz-zmien, Louis Fenech intebah b'kull ma kienet qeghda taghmel martu. Wasal iz-zmien ukoll li huwa ddecieda li

jaffrontaha bl-akkadut u bil-fatt li huwa kien jaf b'kollox. Ghalkemm ghall-ewwel hija cahdet, eventwalment hija spiccat sabiex tammetti kollox mieghu. U sabiex tevitalu aktar problemi Claire bdiet tghid lil Louis Fenech illi hija kienet sejra titlaq mid-dar fl-ahjar interess ta' kulhadd. Louis Fenech ma riedhiex taghmel hekk u anke kien lest li jahfrilha. B'danakollu, Claire kienet determinata fil-hsieb taghha li titlaq.

Nhar il-Hamis, 26 t'April, 2001, ghall-habta tat-tmienja neqsin kwart ta' filghodu, Louis Fenech rega' rritorna mix-xoghol fejn jahdem bhala fork-lifter mal-Kumpanija Coca Cola, u pparkja l-vettura tieghu quddiem l-entratura tal-garaxx tad-dar tieghu, gewwa Triq Sir Temi Zammit, Imtarfa. Hekk kif dahal gol-garaxx huwa nnota li l-vettura tal-mara tieghu li kienet gewwa l-garaxx, kienet ippakkjata b'basktijiet tal-hwejjeg li ndikawlu li martu kellha l-intenzzjoni li titilqu.Dak il-hin Claire Fenech regghet nizlet fil-garaxx b'xi basktijiet f'idejha. Hawnhekk, inqala' argument shun bejn Louis Fenech u martu. Pero' qabel dan l-argument, Louis Fenech kien diga' hareg senter, li kien juza ghall-kacca, w tefghu fl-art ikkargat.

Filwaqt li f'dan l-argument Claire insistiet ma' Louis Fenech li kienet sejra titlaq ghal dejjem, huwa qabad is-senter u spara tir fil-bieba tal-karozza taghha. Kif gara hekk, Claire iktar u iktar kienet determinata li taqbad u titlaq dak il-hin minghajr ma tkompli targumenta izjed jew tisma' lil zewgha. Kien hawnhekk li Louis Fenech, bis-senter f'idejh, u mahkum b'passjoni istantanja w agitazzjoni tal-mohh, ipponta lejn u mmarka saqajn martu. Spara tir iehor li laqatha fil-parti tal-koxxa ta' fuq in-naha tax-xellug fejn ikkagunalha ferita massicca ta' ghaxar centimetri diametru. Claire ovvjament bdiet tghajjat bl-ugih. Louis Fenech ma felahx jismaghha aktar twerzaq u tghajjat. Ghadda ftit tal-hin mhux hazin meta issa Louis Fenech, filwaqt li ntemmitlu dik il-passjoni li hin qabel seta' kellu w rega' gie kompletament f'sensih u fil-kontroll ta' eghmilu, gieh il-hsieb u l-intenzzjoni li jtemm il-problemi kollha tieghu ma martu w jtemmilha hajjitha billi joqtolha.

Louis Fenech resaq aktar vicin lejha w ipponta s-senter lejn rasha. Dam xi ftit hekk jipponta s-senter, u, kif appena kien sejjer jaghfas il-grillu, minghajr ma jaf kif jew ghaliex, dawwar il-mira tieghu lejn genbha w din id-darba

spara b'determinazzjoni kbira. B'dan it-tir, Claire Fenech garrbet ferita ohra kbira w profonda li mill-ewwel bdiet twassalha f'xifer il-mewt.
Kien hawnhekk li wahda mill-girien, Pauline Debono, semghet il-hoss tat-tiri u marret tigri lejn ir-residenza tal-familja Fenech biex tara x'kien gara. Kif rat dik ix-xena ta' Claire mal-art hija minnufih sejhet ghal Tabib u ambulanza li hadet lil Claire l-Isptar.
Meta ddahhlet l-Isptar, Claire Fenech kienet fi stat hazin hafna w kienet qeghda titlef hafna demm. Il-priorita' tat-tobba kienet li jirrissuxxitawaha. Claire inghatat hafna fluids kif ukoll demm. It-tobba pero' ma setghux ilahhqu mad-demm li hija kompliet titlef. Kien ghalhekk li kellu jsir intervent kirurgiku fuqha sabiex jitwaqqaf il-hrug u telf ta' demm. Ghalkemm mhux b'success komplet, l-operazzjoni fuq Claire Fenech irnexxiet parzzjalment, fis-sens li filwaqt li giet salvata hajjitha "in extremis", il-konsegwenzi tal-feriti li hija garrbet baqghu vizibbli w ta' xkiel fiziku ghall-movimenti tal-persuna taghha.
Illi b'eghmilu, l-imsemmi Louis Fenech sar hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju w cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqiegħed il-hajja taghha f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu.
Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Louis Fenech hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju w cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqiegħed il-hajja taghha f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu.

Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi w li huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija minn sitt snin sa' ghoxrin sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 41(1)(a), 211, 23, 20 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat.

Rat il-verdett tal-gurati moghti fl-udjenza tal-20 t'Ottubru, 2004, li bih b' seba' (7) voti favur u b' zewg (2) voti kontra, sabu lil Louis Fenech mhux hati skond l-att tal-akkuza izda hati li kkaguna offiza ta'natura gravi fuq il-persuna ta' martu Claire Fenech, li kkagunat debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem jew gabet difett permanenti f' parti tal-ghamla tal-gisem izda b'dana li dan ir-reat hu skuzabbli ghaliex hu agixxa taht l-influwenza immedjata ta' passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh illi minhabba fiha, fil-waqt tad-delitt, ma setax iqis l-eghmil tieghu.

**Tiddikjara ghalhekk lil Louis Fenech mhux hati skond l-att tal-akkuza izda hati talli fis-26 t'April,**

**2001, filghodu, gewwa Plot numru 30, Sir Temi Zammit Street, Mtarfa, kkaguna offiza ta' natura**

**gravi fuq il-persuna ta' martu Claire Fenech, li kkagunat debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-**

**funzjoni ta' xi parti tal-gisem jew gabet difett permanenti f' parti tal-ghamla tal-gisem izda b'dana li**

**dan ir-reat hu skuzabbli ghaliex hu agixxa taht l-influwenza immedjata ta' passjoni istantanja jew**

**agitazzjoni tal-mohh illi minhabba fiha, fil-waqt tad-delitt, ma setax iqis l-eghmil tieghu.**

Semghet fl-udjenza tal-bierah, 20 t' Ottubru, 2004, it-trattazzjoni dwar il-piena maghmula mill-Avukat Difensur Dott. Emanuel Mallia ghall-hati u s-sottomissjonijiet tal-Parte Civile maghmula mill-Avukat Dottor Michael Schriha kif ukoll mill-Assistant Avukat Generali tar-Repubblika, Dottor Stephen Tonna Lowell;

Rat il-fedina penali netta tal-hati;

Hadet in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet **kollha** tad-difiza dwar il-piena (li jinsabu registrati) u inkluzi – izda mhux biss – is-segwenti :- li mart il-hati hafritlu meta

xehdet f’ dan il-guri; li l-hati ghandu fedina penali assolutament netta bla l-icken kontravvenzjoni ; li hu impjegat regolarment u l-employers tieghu huma kuntenti bih, li ghandu tifel ta’ disa (9) snin li hu kollox ghall-hati; li l-verdett tal-gurati kien juri li hu ma kellux l-intenzjoni li joqtol lil martu ; li minn dak iz-zmien ‘l hawn hu biegh id-dar matrimonjali u mar jghix mall-genituri tieghu w m’ghandux relazzjonijiet ohra . Inoltre  wasal f’ kuntratt ta’ separazzjoni ma martu fejn hi, apparti li rceviet sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti, rceviet ukoll somma kbira w konsiderevoli ta’ eluf ta’ liri bhala rizarciment tad-danni li sofriet minhabba dan l-incident u li hu jhallas parti kbira mill-manteniment ta’ ibnu li kien il-vera vittma ta’ dan il-kaz u li baqa’ trawmatizzat b’ dak li gara w aktar ser jigi trawmatizzat jekk missieru ser jintbaghat il-habs.

Id-difiza kompliet tissottometti li dan kien kaz familjari sfortunat u izolat fil-hajja tieghu fejn kien hemm cirkostanzi partikolari li wasslu ghalih . Il-hati kien dejjem ghix ghall-familja w ma kienx xi persuna kriminali  w fiz-zmien l-incident kien ghaddej mit-trawma tal-prejokkupazzjoni bil-kondizzjoni ta’ sahhtu. Illi ghalkemm l-element tad-deterrent kien importanti , f’ dan il-kaz is-socjeta’ ma kienet ser tiehu xejn billi l-Qorti taghmel ezempju bil-hati . Illi mill-bidu nett tad-difiza tieghu , il-hati accetta li kien spara hu w li b’ hekk kien ikkaguna ferita ta’ natura gravi fuq martu . Hu kkontesta l-akkuza ta’ tentattiv t’omicidju w l-gurija tatu ragun f’ dan . Ghalhekk kien il-kaz li l-Qorti turi hniena w  klemenza mieghu.

Qieset dak li ssottometta Dr. Michael Schriha ghall-parti civili Claire Fenech , fejn ikkonferma li l-klienta tieghu kienet hafret lill-hati ; li hi kienet thallset min ghand il-hati s-somma ta’ LM21,000 bhala rizarciment tad-danni li sofriet fl-incident apparti li hadet sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti u li kienet qed tircevi kontribuzzjoni mill-hati ghall-manteniment ta’ binha. Iddikjara ukoll li hi ma riedetx vendetta w ma tixtieqx li binha w bin il-hati jigi aktar trawmatizzat b’ sentenza ta’ habs fuq missieru.

Qieset li l-Prosekuzzjoni in vista tad-dikjarazzjoni tal-parte civile rrimettiet ruha ghal gudizzju tal-Qorti fir-rigward tal-piena.

Qieset iz-zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma dan il-kaz;

Qieset ukoll li l-verdett tal-gurati kien wiehed ta' seba (7) kontra tnejn (2);

Qieset li skond l-artikoli 218 u 222 tal-Kodici Kriminali, l-piena ghall-ferita gravi kommessa fuq il-persuna tal-mara tal-hati , bl-iskuzanti fuq imsemmija fil-verdett skond l-artikoli 227 ( c ), 230 (b) u 232 (a), iggib minimu ta' tmin xhur u ghaxart ijiem prigunerija u massimu ta' tmin snin prigunerija.

Qieset ukoll il-gravita' tar-reat li wassal biex il-vittma Claire Fenech sofriet feriti gravi ta' natura permanenti w il-mod kif twettaq id-delitt u li dan ir-reat mhux rinunzjabbli mill-parti leza kif ukoll li f' socjeta' civili ma jistax jigi tollerat u kondonat agir fejn konjugi jispara arma tan-nar fuq il-konjugi l-iehor minhabba dissidji matrimonjali , jkunu kemm ikunu difficli r-relazzjonijiet bejn il-mizzewgin.

Qieset dak li gie ritenut fis-sentenza Ingliza ta' **Bancroft** (1981) [3 Cr. App. R. (S) 119] citata b'approvazzjoni mill-Qorti tal-Appell Kriminali (kolleggjali) fil-kawza **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Francis sive Cikku Farrugia"** [3.10.2003] u minn din il-Qorti fis-sentenza **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Francis Buhagiar"** [5.11.2003] konfermata fl-appell [24.9.2004] :-

**"….notwithstanding that a man's reason might be unseated on the basis that the reasonable man would have found himself out of control, there is still in every human being a residual capacity for self-control, which the exigencies of a given situation may call for. That must be the justification for passing a sentence of imprisonment, to recognise that there is still left some degree of culpability….(ara Jeremy**

**Horder : "Provocation and Responsibility" (OUP, 1992 p. 120)"**

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti wara li rat l-artikoli 218, 222, 227 ( c ) 230 (b) , 232 (a) , 23, u 533 tal-Kap. 9, tikkundanna lill-hati Louis Fenech ghall-piena ta' tlitt (3) snin prigunerija, li minnhom ghandu jitnaqqas il-perjodu kollu li l-hati qatta' taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz u tikkundannah ukoll ihallas lir-Registratur tal-Qrati s-somma ta' seba' mija w tlieta w disghin lira Maltin u tnejn u erbghin centezmi (LM793.42c) rapprezentanti l-ispejjes kollha tal-perizji inkorsi tul il-kumpilazzjoni, u dana bl-applikazzjoni tal-Art. 533 tal-Kodici Kriminali. Tordna ukoll il-konfiska tal-arma ossia senter uzat fl-isparatura u tal-munizzjon (skratac) esebiti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------